Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fil-5 ta’ Frar 2015[1]

**Kawża C-182/13**

**Valerie Lyttle**
**Sarah Louise Halliday**
**Clara Lyttle**
**Tanya McGerty**
**vs**
**Bluebird UK Bidco 2 Ltd**
[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Industrial Tribunals (Northern Ireland) (ir-Renju Unit)]
**Kawża C-392/13**
**Andrés Rabal Cañas**
**vs**
**Nexea Gestión Documental SA,**
**Fondo de Garantía Salarial**
[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social No 33 de Barcelona (Spanja)]
**Kawża C-80/14**
**Union of Shop, Distributive and Allied Workers (USDAW)**
**B. Wilson**
**vs**
**WW Realisation 1 Ltd, in liquidation**
**Ethel Austin Ltd**
**Secretary of State for Business, Innovation and Skills**

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England and Wales) (ir-Renju Unit)]

“Direttiva 98/59/KE — Artikolu 1 — Tkeċċijiet kollettivi — Kunċett ta’ ‘stabbiliment’ — Metodu ta’ kalkolu tan-numru ta’ tkeċċijiet”

1. It-tliet kawżi inkunsiderazzjoni jqajmu essenzjalment l-istess kwistjoni u, għalhekk, se nittrattahom kollha flimkien f’dawn il-konklużjonijiet, minkejja l-fatt li ma ġewx formalment magħquda. Il-kwistjoni mqajma f’kull waħda minn dawn il-kawżi hija: x’inhu eżattament il-kamp ta’ applikazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta’ jekk sarux tkeċċijiet kollettivi, tal-kunċett ta’ “stabbiliment” imsemmi fl-Artikolu 1(1)(a)[2] tad-Direttiva 98/59/KE[3]?

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Il-kwistjoni hija kkumplikata iktar bil-fatt li jsir riferiment għal dan il-kunċett kemm fil-punt (i) kif ukoll fil-punt (ii) ta’ din id-dispożizzjoni. F’dawn il-konklużjonijiet, se nirreferi għalhekk għal dan il-kunċett bħala l-“kunċett inkwistjoni”, imma nindika, meta jkun xieraq, jekk il-kunsiderazzjonijiet tiegħi humiex qegħdin isiru b’riferiment speċifiku għal xi wieħed minn dawn il-punti.

3 — Direttiva tal-Kunsill, tal-20 ta’ Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 3, p.327).

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat il-kunċett inkwistjoni b'riferiment speċifiku għall-punt (i) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59. Hija interpretat dan il-kunċett bħala "l-unità li fiha l-ħaddiema kkonċernati bir-*redundancies* huma allokati biex jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom"[4]. Fil-kawżi ttrattati preċedentement, din l-interpretazzjoni kienet ta' benefiċċju għall-ħaddiema inkwistjoni. Madankollu, fil-każijiet inkunsiderazzjoni, l-istess interpretazzjoni tidher, *prima facie*, li ġġib magħha effett negattiv għall-ħaddiema kkonċernati. F'dan l-isfond, tqum issa l-kwistjoni ta' jekk din il-linja ġurisprudenzjali għandhiex tapplika wkoll b'riferiment speċifiku għall-punt (ii) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59.

3. Jiena naħseb li huwa vitali li l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi interpretazzjoni koerenti — biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE — tal-kunċett inkwistjoni.

## I – **Il-qafas legali**

### A – *Id-Direttiva 98/59*

4. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 75/129/KEE[5] u d-Direttiva 92/56/KEE[6], b'tal-aħħar temenda lil tal-ewwel, ġew ikkonsolidati bid-Direttiva 98/59, li fl-istess ħin ħassret lil dawk id-direttivi preċedenti.

5. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/59, (taħt Taqsima I "It-tifsiriet u l-iskop") jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'redundancies kollettivi' ifisser tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati meta, skont l-għażla tal-Istati Membri, in-numru tar-redundancies huwa:

(i) jew, fuq perijodu ta' 30 ġurnata:

— mill-inqas 10 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw iżjed minn 20 u inqas minn 100 impjegat,

— mill-inqas 10 % tan-numru ta' ħaddiema fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw mill-inqas 100 iżda inqas minn 300 ħaddiem,

— mill-inqas 30 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw 300 ħaddiema jew iżjed,

(ii) jew, fuq perijodu ta' 90 ġurnata, mill-inqas 20, ikun xi jkun in-numru ta' impjegati li jaħdmu fl-istabbilimenti in kwistjoni;

[...]

Għall-iskop tal-kalkolu tan-numru tar-redundancies kif previst fis-subparagrafu tal-punt (a), it-termini ta' kuntratt tax-xogħol li jsir fuq l-inizjattiva ta' min iħaddem għal-raġuni waħda jew iktar li mhumiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati għandhom ikunu assimilati mar-redundancies sakemm, hemm mill-inqas ħames redundancies.

4 — Ara s-sentenza Rockfon, C-449/93, EU:C:1995:420, punt 32, u s-sentenza Athinaïki Chartopoïïa, C-270/05, EU:C:2007:101, punt 25.

5 — Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' tkeċċija kollettiva (ĠU 1975 L 48, p. 29).

6 — Direttiva tal-Kunsill, tal-24 ta' Ġunju 1992, li temenda d-Direttiva 75/129/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' redundancies kollettivi (ĠU 1992 L 245, p. 3).

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) redundancies kollettivi effettwat taħt kuntratti tax-xogħol konklużi għal perjodi limitati taż-żmien jew għal xogħolijiet speċifiċi ħlief meta dan il-redundancies iseħħ qabel id-data ta' skadenza jew il-kompletazzjoni ta' dawn il-kuntratti;

[...]"

B – *Il-qafas legali nazzjonali*

1. Il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit

6. Il-Kapitolu II tal-Parti IV tat-Trade Union and Labour Relations (Consolidation) Act 1992 (iktar 'il quddiem it-"TULRCA") jimplementa l-obbligi tar-Renju Unit skont id-Direttiva 98/59 fir-rigward tal-Ingilterra u Wales, u l-Iskozja.

7. L-Artikolu 188(1) tat-TULRCA jistabbilixxi li meta l-persuna li timpjega jkollha l-intenzjoni li tkeċċi 20 impjegat jew iktar bħala impjegati żejda fi stabbiliment wieħed matul perijodu ta' 90 jum jew inqas, hija tkun obbligata li tikkonsulta, dwar dawn it-tkeċċijiet, il-persuni kollha li jirrappreżentaw b'mod leġittimu lill-impjegati li jistgħu jkunu affettwati mit-tkeċċijiet previsti jew minn miżuri marbuta ma' dawn it-tkeċċijiet.

8. Meta persuna li timpjega tonqos milli tikkonforma ruħha ma' rekwiżit tal-Artikolu 188 tat-TULRCA, tribunal tal-impjieg jista' jagħti deċiżjoni protettiva skont l-Artikolu 189(2), li, skont l-Artikolu 189(3), hija deċiżjoni li tordna lill-persuna li timpjega tħallas remunerazzjoni għall-perijodu protett kif iddefinit fl-Artikolu 189(4).

9. Fl-Irlanda ta' Fuq, id-Direttiva 98/59 hija implementata bil-Parti XIII tal-Employment Rights (Northern Ireland) Order (iktar 'il quddiem imsejħa l-"ERO"). L-Artikolu 216 tal-ERO huwa sostanzjalment simili għall-artikolu 188(1) tat-TULRCA.

2. Il-leġiżlazzjoni Spanjola

10. Id-Direttiva 98/59 hija trasposta fid-dritt Spanjol mil-Ley del Estatuto de los Trabajadores[7] (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Istatut tal-Ħaddiema"; l-"ET"). L-Artikolu 51(1) tal-ET ("Tkeċċijiet kollettivi") jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dak li tistabbilixxi din il-liġi, 'tkeċċija kollettiva' għandha tfisser it-terminazzjoni ta' kuntratti ta' xogħol minħabba raġunijiet ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi, sakemm, matul perijodu ta' 90 jum, din it-terminazzjoni tirrigwarda tal-inqas:

(a) 10 ħaddiema f'impriżi li jimpjegaw inqas minn 100 impjegat.

(b) 10 % tan-numru ta' ħaddiema f'impriżi li jimpjegaw bejn 100 u 300 ħaddiem.

(c) 30 ħaddiem f'impriżi li jimpjegaw iktar minn 300 ħaddiem.

7 — BOE Nru 75, 29 ta' Marzu 1995, p. 9654, kif emendata.

Ir-raġunijiet ekonomiċi għandhom jitqiesu li ġew stabbiliti meta sitwazzjoni ekonomika negattiva tkun apparenti mill-prestazzjoni finanzjarja tal-impriża, bħal fejn it-telf jiġi attwalment soffert jew previst jew meta jkun hemm tnaqqis persistenti fid-dħul jew bejgħ ordinarju. Fi kwalunkwe każ, tnaqqis għandu jitqies li jkun persistenti jekk, għal tliet trimestri konsekuttivi, il-livell ta' dħul jew bejgħ ordinarju f'kull trimestru jkun iktar baxx minn dak irreġistrat fl-istess trimestru tas-sena preċedenti.

[...].

Biex jiġi kkalkulat in-numru ta' terminazzjonijiet ta' kuntratti ta' xogħol għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandha titqies kull terminazzjoni oħra li ġrat fil-perijodu ta' riferiment fuq l-inizjattiva tal-persuna li timpjega, għal raġunijiet oħrajn, li ma humiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati u li huma differenti mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 49(1)(c) ta' din il-Liġi, [ [8] ] iżda n-numru ta' terminazzjonijiet għandu jkun mill-inqas ħamsa [...]".

## II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi mressqin**

### A – *Id-domandi mressqin u l-ġrajjiet li taw lok għar-rinviji*

#### 1. Kawża C-182/13, Lyttle *et*

11. Bluebird UK Bidco 2 Ltd (iktar 'il quddiem "Bluebird") hija l-proprjetarja attwali tan-negozju "Bonmarché". F'Jannar 2012, Bonmarché kellha 394 ħanut tal-ħwejjeġ fir-Renju Unit u fl-Isle of Man, fejn kien hemm impjegati madwar 4 000 ħaddiem. Fl-Irlanda ta' Fuq u fl-Isle of Man (li kienu kkunsidrati li jikkostitwixxu unità amministrattiva waħda), Bonmarché f'dak iż-żmien kienet topera 20 ħanut b'180 ħaddiem.

12. Billi l-proprjetarju ta' qabel ta' Bonmarché falla u ġie suġġett għal proċeduri ta' stralċ, dak in-negozju ġie ttrasferit lil Bluebird fl-20 ta' Jannar 2012. Fir-rebbiegħa tal-2012, Bluebird wettqet programm ta' tkeċċija ġewwa r-Renju Unit kollu u l-Isle of Man. B'riżultat ta' dan, issa hemm biss 265 ħanut Bonmarché u madwar 2 900 impjegat fir-Renju Unit, u fadal 8 ħwienet u 75 impjegat fl-Irlanda ta' Fuq. Il-proċess ta' redundancy li wassal għat-tkeċċijiet ma bediex qabel Jannar 2012 u ma inkluda l-ebda konsultazzjoni kollettiva li setgħet tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 98/59. It-tkeċċijiet rilevanti kollha seħħew fit-12 ta' Marzu 2012.

13. L-erba' rikorrenti fil-Kawża C-182/13 jifformaw parti mill-grupp ta' 19-il impjegat tal-Bonmarché tal-Irlanda ta' Fuq li saru redundant matul ir-rebbiegħa tal-2012 u li fetħu kawżi quddiem it-Tribunali Industrijali tal-Irlanda ta' Fuq. L-erba' rikorrenti kienu jaħdmu f'erba' ħwienet Bonmarché differenti f'diversi lokalitajiet fl-Irlanda ta' Fuq b'inqas minn 20 impjegat f'kull ħanut.

14. Billi kellhom dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-Direttiva 98/59, it-Tribunali Industrijali ddeċidew li jissospendu l-proċeduri quddiemhom u jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Fil-kuntest tal-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, il-kelma 'stabbiliment' għandha l-istess tifsira bħal dik fil-kuntest tal-Artikolu 1(1)(a)(i) ta' din id-direttiva?

(2) Jekk le, jista' 'stabbiliment', għall-iskopijiet tal-Artikolu 1(1)(a)(ii), ikun ikkostitwit minn subunità organizzattiva ta' impriża li tikkonsisti, jew tinkludi, iktar minn unità ta' impjieg lokali waħda?

8 — L-artikolu 49(1)(c) tal-ET ("Terminazzjoni tal-kuntratt") jgħid: "Kuntratt ta' impjieg għandu jiġi tterminat [...] minħabba li jiskadi l-perijodu miftiehem jew bit-tlestija tal-kompitu jew servizz li huwa s-suġġett tal-kuntratt [...]".

(3) Fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva, il-frażi 'mill-inqas 20' tirreferi għan-numru ta' tkeċċijiet mill-istabbilimenti kollha tal-persuna li timpjega, jew tirreferi minflok għan-numru ta' tkeċċijiet għal kull stabbiliment? (Fi kliem ieħor, ir-riferiment għal '20' huwa riferiment għal 20 fi kwalunkwe stabbiliment partikolari, jew għal 20 b'kollox?)"

2. Kawża C-392/13, Rabal Cañas

15. Nexea Gestión Documental SA (iktar 'il quddiem "Nexea") hija impriża li tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji li huwa proprjetà sħiħa ta' korp pubbliku marbut mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni Pubblika.

16. A. Rabal Cañas beda jaħdem ma' Nexea fl-14 ta' Jannar 2008.

17. Sa mill-20 ta' Lulju 2012, Nexea kellha żewġ stabbilimenti: wieħed f'Madrid (dipartiment ta' amministrazzjoni u sit ta' produzzjoni) b'164 impjegat, u wieħed f'Barcelona (ċentru ta' operazzjonijiet) b'20 impjegat. Fl-20 ta' Lulju 2012, Nexea tterminat individwalment 14-il kuntratt ta' impjieg fl-istabbiliment ta' Madrid. Ir-raġunijiet li ngħataw kienu tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ għal tliet trimestri konsekuttivi, bir-raba' trimestru tal-2011 ikun l-ewwel wieħed, b'telf f'dik is-sena u telf previst għall-2012. Kawżi li kkontestaw dawn it-terminazzjonijiet ġew miċħudin minn numru ta' sentenzi li ngħataw mill-qrati soċjali ta' Madrid.

18. Sussegwentement, f'Awwissu 2012, seħħew żewġ terminazzjonijiet fl-istabbiliment ta' Barcelona. F'Settembru 2012, waħda saret f'Madrid. F'Ottubru 2012, saret terminazzjoni oħra f'Barcelona. F'Novembru 2012, ġew itterminati tliet kuntratti tal-impjieg fl-istabbiliment ta' Madrid, u wieħed fl-istabbiliment f'Barcelona. Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-ħames terminazzjonijiet f'Ottubru u Novembru ġraw minħabba l-iskadenza ta' kuntratti temporanji.

19. Fl-20 ta' Diċembru 2012, A. Rabal Cañas u 12-il impjegat ieħor fl-istabbiliment ta' Barcelona ġew informati bil-miktub bit-terminazzjoni individwali tal-kuntratti tal-impjieg tagħhom b'effett mid-data ta' notifikazzjoni. Ir-raġunijiet li ngħataw kienu ekonomiċi, produttivi u organizzattivi simili għal dawk ċċitati fir-rigward tal-14-il terminazzjoni li saru fl-20 ta' Lulju 2012 fl-istabbiliment ta' Madrid. Skont Nexea, dan wassal għall-ħtieġa li tagħlaq iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tagħha f'Barcelona. It-tliet impjegati li baqa' fl-istabbiliment ta' Barcelona (il-maniġer u ż-żewġ rappreżentanti tal-bejgħ) intbagħtu jaħdmu fl-istabbiliment ta' Madrid.

20. B'kawża li saret fil-Juzgado de lo Social No 33 de Barcelona kontra Nexea u l-Fondo de Garantía Salarial (Fond ta' Garanzija tal-Pagi), A. Rabal Cañas ikkontesta t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Billi kellha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 98/59, il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Peress li jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu 'tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati', skont il-limitu numeriku indikat, il-kunċett ta' 'redundancies kollettivi' stabbilit fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 għandu jiġi interpretat – fid-dawl tal-portata [tal-UE] tiegħu – fis-sens li jipprekludi jew jopponi li r-regola ta' integrazzjoni jew ta' traspożizzjoni fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kunċett għal tipi partikolari ta' terminazzjoni, jiġifieri dawk għal raġunijiet 'ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi', kif jagħmel l-Artikolu 51(1) tal-[ET]?

(2) Għall-finijiet tal-kalkolu tan-numru ta' tkeċċijiet li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex każ ta' 'redundancy kollettiva' skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59 – kemm jekk 'tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem' (subparagrafu a) jew ta' 'termini ta' kuntratt tax-xogħol li jsir fuq l-inizjattiva ta' min iħaddem għal raġuni waħda jew

iktar li mhumiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati għandhom ikunu assimilati mar-redundancies sakemm, hemm mill-inqas ħames redundancies' (it-tieni subparagrafu [tal-Artikolu 1(1)]) – għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni t-terminazzjonijiet individwali dovuti għall-iskadenza ta' kuntratt għal żmien determinat (konkluż għal perijodu ta' żmien, kompitu jew servizz miftehma minn qabel) kif hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 49(1)(c) tal-[ET].

(3) Il-kunċett ta' 'redundancies kollettivi effettwat taħt kuntratti tax-xogħol konklużi għal perjodi limitati taż-żmien jew għal xogħlijiet speċifiċi' imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/59, li jippermetti li tali direttiva ma tapplikax, huwa esklużivament iddefinit bil-kriterju strettament kwantitattiv tal-Artikolu [1(1)(a)] jew jeħtieġ barra minn hekk li l-klawżola tat-terminazzjoni kollettiva tirriżulta mill-istess qafas ta' reklutaġġ kollettiv għall-istess tul, għall-istess servizz jew għall-istess kompitu?

(4) Bħala 'kunċett tad-dritt [tal-UE]' essenzjali għad-definizzjoni ta' 'redundancies kollettivi' fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59, u fid-dawl tal-istandard minimu ta' din id-direttiva, stabbilit fl-Artikolu 5 tagħha, il-kunċett ta' 'stabbiliment' jawtorizza interpretazzjoni li tippermetti li r-regola ta' traspożizzjoni u ta' integrazzjoni fil-leġiżlazzjoni interna tal-Istat Membru – l-Artikolu 1(1) tal-[ET] fil-każ ta' Spanja – torbot il-kamp tal-kalkolu tal-livell numeriku esklużivament mal-'impriża' fl-intier tagħha, bl-esklużjoni ta' sitwazzjonijiet fejn, kieku l-'istabbiliment' tqies bħala unità ta' referenza, il-livell numeriku previst minn din id-dispożizzjoni kien jiġi eċċess?"

3. Kawża C-80/14, USDAW u Wilson

21. WW Realisation 1 Limited (fi proċeduri ta' likwidazzjoni) u Ethel Austin Limited kienu negozji bl-imnut nazzjonali ewlenin, li jinnegozjaw rispettivament bħala "Woolworths" u "Ethel Austin". Dawn fallew u ġew suġġetti għal proċeduri ta' stralċ, li bħala riżultat ta' dan eluf ta' impjegati tkeċċew fir-Renju Unit.

22. USDAW hija sindakat ta' ħaddiema b'iktar minn 430 000 membru fir-Renju Unit. Il-membri tal-USDAW jaħdmu f'diversi xogħlijiet u industriji u jinkludu ħaddiema tal-ħwienet, tal-fabbriki u tal-imħażen, xufiera u ħaddiema tal-call centres. B. Wilson kienet impjegata fil-ħanut ta' Woolworths f'St Ives, Cornwall u kienet ir-rappreżentant tal-USDAW fil-forum tal-impjegati nazzjonali ta' Woolworths.

23. Wara l-insolvenza ta' Woolworths u Ethel Austin, tressqu talbiet fl-Employment Tribunals (Tribunali tal-Impjieg) ta' Liverpool u ta' Londra Ċentrali kontra Woolworths u Ethel Austin f'isem diversi eluf ta' membri tal-USDAW li kienu ġew impjegati minn dawn il-kumpanniji u li kienu tkeċċew għal raġunijiet ta' redundancy. Intalbu deċiżjonijiet protettivi kontra l-persuni li jimpjegaw minħabba n-nuqqas tagħhom li jikkonsultaw lill-impjegati dwar ir-redundancies proposti, li allegatament kien rekwiżit skont id-dispożizzjonijiet tat-TULRCA.

24. Is-Secretary of State for Business, Innovation and Skills (iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat") iddaħħal bħala parti fil-proċeduri tal-London Central Employment Tribunal kontra Woolworths fuq il-bażi li, minħabba l-insolvenza tal-persuna li timpjega, is-Secretary of State għandu responsabbiltà potenzjali fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni protettiva li tingħata bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa d-Direttiva 2008/94/KE [9]. Il-Court of Appeal tispjega li fil-każ li tingħata deċiżjoni protettiva kontra Ethel Austin jew Woolworths fil-proċeduri prinċipali, jekk il-persuna li timpjega ma tissodisfax dik id-deċiżjoni, u impjegat japplika quddiem is-Secretary of State bil-miktub, is-Secretary of State jkun meħtieġ li jħallas l-ammont li l-impjegat ikun intitolat għalih fir-rigward ta'

9 — Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (Verżjoni kodifikata) (ĠU 2008 L 283, p. 36).

dak id-debitu, sa limitu statutorju. Jekk is-Secretary of State jonqos milli jħallas l-ammont dovut kollu jew parti minnu, l-impjegat għandu d-dritt li jagħmel ilment quddiem tribunal tal-impjieg li jkollu s-setgħa li jagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammont ta' kwalunkwe ħlas li s-Secretary of State għandu jagħmel.

25. Fit-2 ta' Novembru 2011 u t-18 ta' Jannar 2012 rispettivament, it-tribunali msemmijin iktar 'il fuq taw deċiżjonijiet protettivi favur l-ex impjegati ta' Woolworths u Ethel Austin, imma madwar 4 500 ħaddiem ma ngħatawx deċiżjoni protettiva fuq il-bażi li kienu ħadmu fi ħwienet b'inqas minn 20 ħaddiem, b'kull ħanut jitqies li kien stabbiliment separat. Fl-appell, l-Employment Appeal Tribunal (iktar 'il quddiem imsejjaħ "l-EAT") iddeċieda fit-30 ta' Mejju 2013 li, biex jiġi interpretat l-artikolu 188(1) tat-TULRCA b'mod kompatibbli mad-Direttiva 98/59, kien hemm bżonn li jitħassar il-kliem "f'stabbiliment wieħed". L-EAT iddeċieda wkoll li ħaddiema mkeċċijin setgħu jibbażaw ruħhom direttament fuq id-direttiva u ddeċieda li s-Secretary of State kien responsabbli għall-ħlas ta' deċiżjonijiet protettivi lill-ħaddiema kollha.

26. Is-Secretary of State ngħata permess li jappella mid-deċiżjoni tal-EAT quddiem il-Court of Appeal. Billi kellha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-Direttiva 98/59, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) (a) Il-frażi 'mill-inqas 20' fl-Artikolu 1(1)(a) tad-[Direttiva 98/59/KE], tirreferi għan-numru ta' tkeċċijiet fl-istabbilimenti kollha tal-persuna li timpjega fejn it-tkeċċijiet isiru fuq perijodu ta' 90 ġurnata, jew tirreferi għan-numru ta' tkeċċijiet f'kull stabbiliment individwali?

(b) Fil-każ li l-Artikolu 1(1)(a)(ii) jirreferi għan-numru ta' tkeċċijiet f'kull stabbiliment individwali, x'inhi t-tifsira tal-kunċett ta' 'stabbiliment'? B'mod partikolari, il-kunċett ta' 'stabbiliment' għandu jinftiehem li jfisser in-negozju rilevanti kollu ta' bejgħ bl-imnut, bħala unità unika ekonomika u ta' negozju, jew dik il-parti minn dan in-negozju li tkun qiegħda tikkontempla li tagħmel tkeċċijiet, iktar milli unità li magħha ħaddiem ikun assenjat sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu, bħalma huwa kull ħanut individwali?

(2) F'ċirkustanzi fejn impjegat jitlob il-benefiċċju tal-allowance imsejħa ta' protezzjoni kontra persuna li timpjega privata, l-Istat Membru jista' jibbaża ruħu fuq jew jinvoka l-fatt li d-Direttiva ma tagħtix lok għal drittijiet direttament effettivi kontra l-persuna li timpjega f'ċirkustanzi fejn:

i) li kieku mhux għan-nuqqas tal-Istat Membru li jimplementa sewwa id-Direttiva, il-persuna li timpjega kienet tkun responsabbli għall-ħlas ta' allowance imsejħa ta' protezzjoni lill-impjegat, minħabba n-nuqqas ta' din il-persuna li timpjega li tikkonsulta skont id-Direttiva; u

ii) peress li l-persuna li timpjega tkun insolventi, fil-każ ta' ordni għall-ħlas tal-allowance imsejħa ta' protezzjoni kontra l-persuna li timpjega privata u dan ma jiġix issodisfat mill-persuna li timpjega, u ssir talba lill-Istat Membru, dan l-Istat Membru jkun huwa stess responsabbli għall-ħlas tal-allowance imsejħa ta' protezzjoni lill-impjegat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa d-[Direttiva 2008/94/KE], bla ħsara għal kwalunkwe limitazzjoni ta' responsabbiltà imposta fuq l-istituzzjoni ta' garanzija tal-Istat Membru skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva?"

B – *Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

27. Bluebird ippreżentat osservazzjonijiet bil-miktub fil-Kawża C-182/13, kif għamlu USDAW u A. Wilson fil-Kawża C-80/14. Il-Gvern tar-Renju Unit ippreżenta wkoll osservazzjonijiet f'dawn iż-żewġ kawżi. Il-Gvern Spanjol ippreżenta osservazzjonijiet fil-Kawżi C-392/13 u C-80/14, filwaqt li dak Ungeriż, kif ukoll il-Kummissjoni, ippreżentaw osservazzjonijiet fit-tliet kawżi.

28. Saret seduta konġunta fl-20 ta’ Novembru 2014, fejn USDAW u A. Wilson, Bluebird, il-Gvern Spanjol u dak Ungeriż u l-Kummissjoni għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## III – **Analiżi**

### A – *Kummenti ta’ introduzzjoni*

29. Jirriżulta minn dawn il-kawżi li l-kompitu ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa li tiġi ddeterminata l-unità rilevanti — *mill-perspettiva tal-persuna li timpjega* — għall-finijiet tal-kalkolu ta’ jekk il-limiti skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/59 humiex issodisfatti. B’mod speċifiku, id-Domanda 3 fil-Kawża C-182/13 tidher li hija identika fis-sustanza mad-Domanda 1(a) fil-Kawża C-80/14, peress li t-tnejn jiffokaw fuq l-espressjoni “mill-inqas 20” fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) ta’ din id-direttiva. Bl-istess mod, id-Domandi 1 u 2 fil-Kawża C-182/13, id-Domanda 4 fil-Kawża C-392/13 u d-Domanda 1(b) fil-Kawża C-80/14 kollha jirrigwardaw l-interpretazzjoni korretta tal-kunċett inkwistjoni.

30. Iżda jiena jidhirli li dawn iż-żewġ punti (l-implikazzjonijiet tal-frażi “mill-inqas 20” u t-tifsira ta’ “stabbiliment”) huma relatati — kif inhu apparenti mill-mod kif il-Court of Appeal ifformulat id-Domanda 1(b). Fil-fatt, meta niġu għal-limiti li jistabbilixxi l-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 98/59 li jattivaw il-proċedura ta’ konsultazzjoni, il-fatt li wieħed jistaqsi jekk huwiex meħtieġ li jiġi kkalkulat it-total tan-numru ta’ tkeċċijiet fl-istabbilimenti kollha tal-persuni li jimpjegaw huwa, fil-fehma tiegħi, biss mod differenti ta’ kif wieħed jistaqsi għal kjarifika dwar id-daqs korrett ta’ “stabbiliment”. Fuq din il-bażi, jiena naħseb li d-Domandi 1, 2 u 3 fil-Kawża C-182/13, id-Domanda 4 fil-Kawża C-392/13 u d-Domandi 1(a) u (b) fil-Kawża C-80/14 jistgħu jiġu ttrattati kollha flimkien, kif se nagħmel iktar ’l isfel fil-punti 36 sa 63.

31. Minbarra din il-kwistjoni prinċipali, tnejn mill-kawżi (Kawżi C-392/13 u C-80/14) iqajmu kwistjonijiet sekondarji separati.

32. L-ewwel nett, il-parti l-kbira tad-domandi li għamlet il-qorti Spanjola fil-Kawża C-392/13 tirrigwarda fil-fatt aspetti oħrajn tal-kunċett ta’ “redundancies kollettivi” kif użat fid-Direttiva 98/59. Fil-fatt, l-ewwel tliet domandi jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-kunċett *mill-perspettiva tal-ħaddiema*. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal dawk id-domandi jew tirriżulta b’mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew hija evidenti.

33. It-tieni nett, id-Domanda 2 fil-Kawża C-80/14 tirrigwarda kwistjoni differenti, jiġifieri l-konsegwenzi skont id-dritt tal-UE ta’ implementazzjoni skorretta tad-Direttiva 98/59. Għalkemm ma jsegwix direttament mill-kliem ta’ din id-domanda, kwalunkwe risposta tippresupponi li r-Renju Unit ma interpretax sew il-kunċett inkwistjoni u għaldaqstant naqas milli jittrasponi din id-direttiva b’mod korrett fid-dritt nazzjonali.

34. Barra minn hekk, qabel ma tiġi indirizzata l-kwistjoni prinċipali, Bluebird tikkontendi li l-Kawża C-182/13 hija inammissibbli, billi t-tifsira ta’ “stabbiliment” hija aktarx ċara. Jingħad ukoll li l-Gvern Spanjol qed isostni li ċ-ċirkustanzi tal-Kawża C-392/13 ma joħolqux sitwazzjoni ta’ redundancy kollettiva skont id-Direttiva 98/59 billi l-limiti jistgħu ma jintlaħqux. Għaldaqstant, il-Gvern Spanjol huwa tal-fehma li d-Domanda 4 f’dan il-każ hija ipotetika.

35. Għal darb’oħra, wieħed għandu jiftakar li domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE li tagħmel qorti nazzjonali jgawdu minn preżunzjoni ta’ rilevanza [10]. It-talbiet f’dawn iż-żewġ kawżi għal interpretazzjoni tad-Direttiva 98/59 ma jidhrux li ma humiex relatati maċ-ċirkustanzi tal-kawżi quddiem il-qrati tar-rinviju; u lanqas ma jidhru li huma ipotetiċi; u lanqas ma jidher li

10 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Gruslin, C-88/13, EU:C:2014:2205, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata.

t-talbiet għal deċiżjoni preliminari fihom nuqqas ta' informazzjoni fattwali jew legali meħtieġa biex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti risposta utli. B'mod speċifiku, l-argument ta' Bluebird huwa mingħajr bażi billi l-qrati nazzjonali huma kompletament liberi li jirriferu kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk jidhrilhom li dan huwa xieraq, u l-fatt li d-dispożizzjonijiet li tintalab l-interpretazzjoni tagħhom diġà kienu ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirrendix inammissibbli talba għal deċiżjoni preliminari [11]. Barra minn hekk, kuntrarjament għall-pożizzjoni li jieħu l-Gvern Spanjol, jidhirli li l-Juzgado de lo Social No 33 tixtieq tkun taf kif tinterpreta b'mod korrett il-kunċett inkwistjoni u l-limiti stabbiliti fid-Direttiva 98/59 għall-finijiet tal-proċeduri quddiemha. Meta sabet quddiemha sitwazzjoni simili f'okkażjoni oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddikjaratx id-domandi preliminari bħala inammissibbli [12]. Ma narax għaliex dawn il-każijiet għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti.

B – *Il-kunċett inkwistjoni*

1. Il-paradigma: is-sentenzi Rockfon [13] u Athinaïki Chartopoiïa [14]

36. Mill-bidu nett, infakkar li l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 jiddefinixxi, l-ewwel u qabel kollox, il-kunċett ewlieni ta' "redundancies kollettivi". Dan il-kunċett baqa' kważi ma nbidel xejn mis-sebgħinijiet meta ġiet adottata l-ewwel direttiva fuq ir-redundancies kollettivi [15].

37. Skont id-Direttiva 98/59, id-definizzjoni ta' "redundancies kollettivi" tinqasam fi tnejn. L-ewwel parti tkopri t-tipi ta' tkeċċijiet individwali (jew redundancies) [16] li, meta jsiru f'numri suffiċjenti, jagħtu lok għal redundancies kollettivi (imsjeħin iktar 'il quddiem bħala "tkeċċjiet rilevanti għad-direttiva"). It-tieni parti tkopri l-limiti numeriċi li, meta jinqabżu fuq ċertu perijodu ta' żmien, jattivaw id-dmir ta' min iħaddem li jinforma u jikkonsulta mal-ħaddiema bis-saħħa tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 u applikazzjoni fil-pront tal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 3 u 4 ta' dik id-direttiva (iktar 'il quddiem msejħa "il-proċedura protettiva"). Huwa għall-iskop ta' dawk il-limiti li jintuża l-kunċett inkwistjoni. Hawnhekk, id-Direttiva 98/59 tippermetti lill-Istati Membri li jagħżlu bejn *żewġ metodi differenti*, stabbiliti, rispettivament, fil-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 1(1)(a) [17].

38. Kif semmejt iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat il-kunċett inkwistjoni fir-rigward tal-punt (i) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 bħala li jfisser "l-unità li fiha l-ħaddiema kkonċernati bir-redundancies huma allokati biex jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom" [18]. Naturalment, terminu għandu jkollu l-istess tifsira kullimkien billi b'hekk iċ-ċertezza legali tissaħħaħ [19]. Għaldaqstant, billi l-Qorti tal-Ġustizzja ma rabtet l-ebda kundizzjonijiet speċjali ma' dawk id-deċiżjonijiet, l-interpretazzjoni tad-dritt li tat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Rockfon f'talba għal

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Torresi, C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

12 — Ara s-sentenza Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, EU:C:2009:770, punti 21 sa 28.

13 — EU:C:1995:420.

14 — EU:C:2007:101.

15 — Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva 75/129.

16 — Għandi ngħid li l-verżjoni Ingliża tad-Direttiva 98/59 tuża l-kelma "redundancy" fl-espressjoni "collective redundancies" [redundancies kollettivi] (li tidher, *inter alia*, fit-titolu ta' din id-direttiva), imma l-kelma "dismissal" [tkeċċija] fl-Artikolu 1(1)(a) tagħha biex tiddefinixxi "collective redundancies". Iżda l-verżjoni fil-lingwa Franċiża tad-dispożizzjoni tuża l-istess kelma ("licenciement"). Biex nevita d-dubju, f'dawn il-konklużjonijiet se nuża l-kliem "redundancy" u "tkeċċija" b'mod interkambjabbli.

17 — B'mod iktar speċifiku, *l-ewwel metodu*, stabbilit fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tad-Direttiva 98/59 [iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-metodu tal-punt (i)"], fih tliet alternattivi, li l-operazzjoni tiegħu tiddependi min-numru totali ta' ħaddiema fl-istabbiliment ikkonċernat. Dan jinvolvi li jitqies in-numru ta' tkeċċijiet rilevanti għad-direttiva matul perijodu iqsar (30 jum), espress bħala frazzjoni jew bħala figura assoluta, man-numru totali ta' ħaddiema. Iżda, it-*tieni metodu*, stabbilit fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) [iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-metodu tal-punt (ii)"], jidher — tal-inqas mad-daqqa ta' għajn — li huwa iktar sempliċi. Dan jeħtieġ li jiġi aċċertat fuq perijodu ta' żmien itwal, (90 jum), jekk in-numru ta' tkeċċijiet rilevanti għad-direttiva f'stabbiliment partikolari jaqbiżx figura assoluta (19), irrispettivament min-numru totali ta' ħaddiema hemmhekk.

18 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq.

19 — Ara l-Ftehim Interistituzzjonali, tat-22 ta' Diċembru 1998, dwar linji gwida komuni għall-kwalità ta' abbozzar ta' leġiżlazzjoni Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 39), punt 6.

deċiżjoni preliminari kif ikkonfermata fis-sentenza Athinaïki Chartopoiïa, għandha tkun ta' applikazzjoni ġenerali. Ikun tassew bla sens li tingħata interpretazzjoni li tvarja ta' kunċett li qiegħed fil-qofol ta' dispożizzjoni f'taqsima intitolata "It-tifsiriet u l-iskop". Jekk isir hekk, dik id-dispożizzjoni tispiċċa b'mod ċar mingħajr skop u ftit li xejn tosserva l-prinċipju ta' ċertezza legali.

39. Għalhekk, l-assunzjoni ċara hija li l-interpretazzjoni tal-kunċett inkwistjoni tapplika *erga omnes*, inkluż fir-rigward tal-punt (ii) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59. Madankollu, peress li l-ġurisprudenza eżistenti tinterpreta l-kunċett inkwistjoni b'riferiment biss għall-metodu tal-punt (i), u peress li din l-interpretazzjoni tista' fl-aħħar mill-aħħar tkun ta' detriment għall-ħaddiema fil-każijiet inkunsiderazzjoni, tinqala' issa l-kwistjoni dwar jekk hemmx raġuni tajba li din tinbidel minħabba ċ-ċirkustanzi tal-kawżi rrinvjati.

2. Ma hemmx ħtieġa li tiġi rrakkomandata bidla tal-paradigma.

40. Fil-Kawżi C-182/13 u C-80/14, b'mod speċifiku, ir-rikorrenti jissuġġerixxu li tingħata sfumatura għal kif inhu mifhum bħalissa l-kunċett inkwistjoni fir-rigward tal-metodu tal-punt (ii), essenzjalment fuq il-bażi ta' interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 98/59.

a) Riflessjonijiet fuq l-għan tad-Direttiva 98/59

41. F'dan ir-rigward, l-*għan* iddikjarat tad-Direttiva 98/59 huwa li tkompli tagħmel l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi[20]. F'dan il-proċess, hemm żewġ għanijiet distinti. Huwa l-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ għanijiet li jista' joħloq kritika jew jikkontesta kif inhu mifhum bħalissa l-kunċett inkwistjoni. (Nittratta t-tieni għan iktar 'il quddiem fil-punt 51).

42. Id-Direttiva 98/59 hija intiża, *minn naħa*, biex tipprovdi protezzjoni minima fir-rigward tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' ħaddiema fil-każ ta' redundancies kollettivi, filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw miżuri iktar favorevoli għall-ħaddiema (iktar 'il quddiem imsejjaħ " *l-għan ta' protezzjoni soċjali*")[21]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-kelma "stabbiliment" b'mod "wiesa'" ħafna — jew, biex ngħiduha mod ieħor, teleoloġikament ħafna — biex tillimita kemm jista' jkun każijiet ta' redundancies kollettivi li ma humiex suġġetti għad-Direttiva 98/59 minħabba d-definizzjoni legali ta' dan it-terminu fil-livell nazzjonali[22].

43. Ta' rilevanza għall-Kawżi C-182/13 u C-80/14 huwa l-fatt li r-Renju Unit għażel il-metodu tal-punt (ii) meta implementa d-Direttiva 98/59. Minħabba f'hekk, jista' jiġi argumentat li d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Rockfon u Athinaïki Chartopoiïa kienu jirrigwardaw biss il-metodu tal-punt (i) jew, tal-inqas, kienu jirrigwardaw biss tkeċċijiet magħmulin fi stabbiliment wieħed biss[23]. Sabiex tiġi promossa l-protezzjoni tal-ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tadotta interpretazzjoni fejn it-tkeċċijiet kollha rilevanti għad-direttiva fi grupp sħiħ, magħmulin fil-kuntest ta' eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni wieħed, jinġabru flimkien. Possibbilment, interpretazzjoni bħal din lanqas biss timplika interpretazzjoni differenti tal-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 — jiġifieri, jekk wieħed jassumi li r-*ratio decidendi* f'dawk is-sentenzi kellu japplika biss għal każijiet li jinvolvu stabbiliment wieħed.

44. Madankollu nibża' li tali perspettiva hija żbaljata.

20 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, EU:C:2004:605, punt 47.

21 — Ara s-sentenza Confédération générale du travail *et*, C-385/05, EU:C:2007:37, punt 44. Ara wkoll, fir-rigward tad-Direttiva 75/129, is-sentenza fil-kawża Rockfon, EU:C:1995:420, punt 29.

22 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Athinaïki Chartopoiïa, EU:C:2007:101, punt 26.

23 — Fis-sentenza Rockfon, EU:C:1995:420, il-kumpannija ta' dak l-isem kienet tappartjeni lill-grupp Rockwell b'iktar minn 300 ħaddiem u dipartiment tal-persunal kondiviż. Rockfon A/S kellha 162 ħaddiem, li minnhom 24 jew 25 impjegat tkeċċew. Fis-sentenza Athinaïki Chartopoiïa, EU:C:2007:101, il-Bord tad-Diretturi ta' Athinaïki Chartopoiïa AE iddeċieda li jagħlaq unità ta' produzzjoni mit-tlieta li kellu b'persunal ta' 420 ruħ.

45. Fis-sentenza Rockfon, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet konsapevoli għal kollox li l-kunċett inkwistjoni jista' jiġi interpretat b'diversi modi[24]. Minkejja d-differenza fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttivi 75/129 u 98/59, hemm ħaġa waħda li tirriżulta mis-sentenzi Rockfon u Athinaïki Chartopoiïa. Meta ddeċidiet li "stabbiliment" huwa l-unità ta' impjieg lokali, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-interpretazzjoni li taw il-kumpanniji eponimiċi li jimpjegaw. B'mod partikolari, iddeċidiet li ma kienx xieraq li l-kunċett inkwistjoni jiġi ekwiparat ma' "impriża" għall-finijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tat-Trattat FUE, jew entità korporattiva b'personalità legali, bħal kumpannija b'responsabbiltà limitata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li ma kienx xieraq li dan il-kunċett jingħata l-istess tifsira li tingħata lid-dritt ta' stabbiliment sanċit fl-Artikolu 49 TFUE.

46. Għaldaqstant, waħda mil-lezzjonijiet li tinstilet mis-sentenzi Rockfon u Athinaïki Chartopoiïa hija li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħti l-ebda kas għall-mod kif inhi l-istruttura interna tal-entità li tħaddem u minflok tiffoka fuq l-unità ta' impjieg lokali[25]. Bidla fil-pożizzjoni issa għaliex il-persuna li timpjega għandha diversi unitajiet ta' impjieg lokali b'inqas minn 20 impjegat twassal biex, b'mod differenti minn qabel, titwitta t-triq għal interpretazzjoni li tvarja ta' dan il-kunċett li tiddependi mill-istruttura interna tal-persuna li timpjega, u dan imbagħad imur kontra l-premessa 11 fil-preambolu tad-Direttiva 98/59[26].

47. Fil-fatt, l-approċċ argumentat mir-rikorrenti fil-Kawżi C-182/13 u C-80/14 huwa li tiġi estiża l-proċedura protettiva lill-*ħaddiema kollha* mkeċċija fl-istess eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni, irrispettivament mid-daqs tal-istabbiliment fejn kienu ħadmu. L-għoti tal-livell massimu ta' protezzjoni bl-imminimizzar tal-metodu ta' implementazzjoni ovvjament jikkonferixxi vantaġġ lil dawk il-ħaddiema li, kif inhu mifhum bħalissa l-kunċett inkwistjoni, ma humiex intitolati għal xi deċiżjoni protettiva. Madankollu, approċċ bħal dan ma jkunx jaqbel mal-għan tal-armonizzazzjoni minima prevista mid-Direttiva 98/59, li, kif qalet sew il-Kummissjoni waqt is-seduta, ma jikkontemplax bħala punt ta' tluq protezzjoni sħiħa għal kulħadd — anki meta n-numru ta' tkeċċijiet jaqbeż il-limiti — billi l-ħtieġa temporali għandha tiġi ssodisfatta wkoll[27].

48. Barra minn hekk, jiena l-ewwel wieħed ma nistax naċċetta l-idea, li ssemmiet waqt is-seduta, li jista' jkun possibbli li tintuża l-istess unità ta' riferiment fir-rigward kemm tal-metodu tal-punt (i) u tal-metodu tal-punt (ii), jiġifieri l-"istabbiliment" pjuttost milli l-"impriża", u xorta waħda jiġu inklużi taħt il-metodu tal-punt (ii) it-tkeċċijiet kollha rilevanti għad-direttiva fil-grupp kollu li jiġu mill-istess eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni. Fil-fatt, dan ikun jammonta għall-ħolqien ta' finzjoni legali b'konsegwenzi imprevedibbli għall-metodu tal-punt (i). Ikun ferm iktar fattibbli li jiġi ssuġġerit li tinbidel il-ġurisprudenza tas-sentenzi Rockfon u Athinaïki Chartopoiïa.

49. Barra minn hekk, ma nistax ma nosservax — kif fil-fatt għamel il-Gvern tar-Renju Unit fuq kollox — li l-Qorti tal-Ġustizzja qagħdet attenta ħafna biex tenfasizza l-effetti soċjoekonomiċi li redundances kollettivi jista' jkollhom *f'kuntest lokali u ambent soċjali partikolari*[28]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett inkwistjoni bħala li jirrigwarda "l-unità li fiha l-ħaddiema kkonċernati bir-redundancies huma allokati biex jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom"[29]; fi kliem ieħor, *l-unità ta' impieg lokali*. Għaliex hija preċiżament il-komunità lokali li tista' titbiel u tgħib mingħajr protezzjoni minn redundancies kollettivi. Min-naħa l-oħra, tkeċċijiet lokali rilevanti għad-direttiva li

24 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rockfon, EU:C:1995:420, punt 30.

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Rockfon, EU:C:1995:420, punt 30, u Athinaïki Chartopoiïa, EU:C:2007:101, punt 28.

26 — Il-premessa tgħid: "…huwa neċessarju li l-obbligi ta' min iħaddem fejn għandhom x'jaqsmu l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u n-notifika japplikaw indipendentament minn jekk id-deċiżjoni dwar redundancies kollettivi jiġi minn min iħaddem jew minn impriża li tikkontrolla lil dak li jħaddem".

27 — B'mod speċifiku fil-każ ta' Ethel Austin, minn madwar 1 700 ħaddiem imkeċċijin, 490 irċevew deċiżjoni protettiva (jiġifieri ftit iktar minn 71 % ma gawdewx minnha). Madankollu, fil-każ ta' Woolworths, kif ikkonfermat fis-seduta, minn 27 000 ħaddiem imkeċċi, 3 233 ma kinux intitolati għal deċiżjoni protettiva (inqas minn 12 %; ara l-punti 30 u 31 tas-sentenza EAT, Każijiet Nru UKEAT/0547/12/KN u Nru UKEAT/0548/12/KN). Fir-rigward ta' Bluebird, jidher li mill-ordni tar-rinviju jirriżulta li minn 105 tkeċċija fir-reġjun tal-Irlanda ta' Fuq, 19 ma rċevewx deċiżjoni ta' protezzjoni (ftit iktar minn 18 %).

28 — Ara s-sentenza Athinaïki Chartopoiïa, EU:C:2007:101, punt 28.

29 — Sentenzi Rockfon, EU:C:1995:420, punt 32, u Athinaïki Chartopoiïa, EU:C:2007:101, punt 25.

jkunu taħt il-limitu ma jikkostitwixxux l-istess theddida għas-sopravvivenza tal-komunitajiet lokali. Għalkemm in-numru aggregat ta' tkeċċijiet magħmulin fi proċess ta' ristrutturazzjoni jista' jkun għoli fl-iskala nazzjonali, dan ma jfisser xejn dwar kif dawk l-effetti jinħassu lokalment. Fejn ikun hemm ftit minnhom, persuni li jfittxu x-xogħol lokali jistgħu jiġu riassorbiti iktar malajr fis-suq tal-impjiegi.

50. Għalhekk, skont dak li ngħad iktar 'il fuq, jiena m'iniex konvint li l-għan ta' protezzjoni soċjali b'mod inekwivoku jwassal għall-interpretazzjoni ssuġġerita mir-rikorrenti fil-Kawżi C-182/13 u C-80/14.

51. Iktar importanti minn hekk, għalkemm tiżgura livell minimu ta' protezzjoni għad-drittijiet tal-ħaddiema f'diversi Stati Membri, id-Direttiva 98/59 trid ukoll, *min-naħa l-oħra*, tarmonizza l-ispejjeż li dawn ir-regoli protettivi jġibu magħhom għall-impriżi fl-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "*l-għan tas-suq intern*")[30]. Fil-fatt, minkejja konverġenza li qed tiżdied, għad hemm differenzi li jista' jkollhom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern. Skont is-sinjifikat ta' ċerti premessi fil-preambolu tad-direttiva, il-leġiżlatura tal-UE fil-fatt fehmet li l-għan tal-protezzjoni soċjali ma għandux jiġi ddisassoċjat mill-għan tas-suq intern[31]. Għaldaqstant, kif semma l-Gvern Ungeriż, dan l-għan jappoġġa l-fehma li hemm il-ħtieġa li l-kunċett inkwistjoni jiġi interpretat b'mod uniformi sabiex tiżdied it-trasparenza u l-prevedibbiltà għal dawk li jħaddmu li jiddeċiedu li jirristrutturaw in-negozju tagħhom.

b) Kunsiderazzjonijiet oħrajn

52. Barra minn dan, is-suġġeriment li l-interpretazzjoni tal-kunċett inkwistjoni għandu jkun sfumat fil-kuntest tal-punt (ii) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 għandu jiġi miċħud għal diversi raġunijiet oħra.

53. L-ewwel nett, il-fatt li ċerti verżjonijiet lingwistiċi[32] jirreferu għal "stabbilimenti" fil-plural ma għandu ebda importanza. Dan huwa sempliċement riferiment ġeneriku. Għall-kuntrarju, numru ta' verżjonijiet lingwistiċi oħrajn jidhru li huma iktar speċifiċi b'mod deliberat[33]. Dawn il-verżjonijiet jirreferu għal "stabbilimenti" fil-plural fl-Artikolu 1(1)(a)(i) tad-Direttiva 98/59, imma jużaw *is-singular* fl-Artikolu 1(1)(a)(ii). Dan l-użu tal-kliem iktar preċiż jeskludi l-idea li t-terminu "mill-inqas 20" — kif hemm imsemmi fid-Domanda 3 fil-Kawża C-182/13 u d-Domanda 1 fl-Kawża C-80/14 — jindika n-numru ta' tkeċċijiet fl-istabbilimenti *kollha* tal-persuna li timpjega.

54. It-tieni nett, jekk wieħed iħares lejn il-*kuntest* tad-Direttiva 98/59, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet preċedentement li l-obbligi proċedurali stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 jobbligaw *biss sussidjarja li timpjega u mhux kumpannija parent*, anki jekk id-deċiżjoni li wieħed ikompli bir-redundancies kollettivi tittieħed minn din tal-aħħar, billi l-kumpannija parent ma għandhiex l-istatus ta' persuna li timpjega[34]. Peress li l-obbligi jiġu imposti biss fuq is-sussidjarja li timpjega, ikun asimetriku li jkun meħtieġ li l-limiti jiġu kkalkulati b'riferiment għall-grupp kollu.

30 — Ara s-sentenza Confédération générale du travail *et*, EU:C:2007:37, punt 43, u, f'dak is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, EU:C:2004:605, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata. R. Blanpain, josserva f'"Labour Law and Industrial Relations of the European Community", Kluwer, Deventer: 1991, paġni 153 sa 154 — b'riferiment għal eżempju speċifiku — li d-Direttiva 75/129 ġiet adottata sabiex kumpanniji pan-Ewropej jiġu preklużi milli jispekulaw dwar fejn (jiġifieri f'liema Stat Membru) l-ispejjeż għat-tkeċċija ikunu l-orħos.

31 — B'mod partikolari nirriferi għall-premessi 2 sa 4 u 6 tal-preambolu tad-Direttiva 98/59: "[…] huwa importanti li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' redundancies kollettivi waqt li jittieħed kont tal-bżonn ta' żvilupp ibbilanċjat ekonomiku u soċjali fil-Komunità […] minkejja ż-żieda ta' konverġenza, jibqgħu differenzi bejn id-dispożizzjonijiet fl-Istati Membri dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri għal din ir- redundancy u l-miżuri intenzjonati biex iserrħu mill-konsegwenzi tar- redundancy tal-ħaddiema […] dawn id-differeni jistgħu jkollom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern […] [i]l-kompletazzjoni tas-suq intern għandha twassal għal titjib fil-kondizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol fil-Komunità Ewropea […]". Ara wkoll is-sentenza Nolan, C-583/10, EU:C:2012:638, punti 37 sa 40.

32 — Bħall-verżjonijiet EN, ES, FR, IT u NL.

33 — Bħall-verżjonijiet DA, DE, FI, HR, HU u SV.

34 — Sentenza Akavan Erityisalojen Keskusliitto AEK *et*, C-44/08, EU:C:2009:533, punti 57 u 58.

55. Barra minn hekk, għandu jitqies ukoll kif il-kunċett inkwistjoni jiġi użat ġeneralment fid-dritt tax-xogħol tal-UE. Hawnhekk, id-Direttiva 2002/14/KE[35], tistabbilixxi fl-Artikolu 2 ("Definizzjonijiet"), żewġ definizzjonijiet distinti tal-kunċetti "impriża" u "stabbilment". B'mod simili, l-Artikolu2(1)(b) (taħt Kapitolu I "Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet") tad-Direttiva 2008/94 jirreferi għall-"impriża *jew* in-negozju ta' min iħaddem" (enfasi miżjuda), u l-Artikolu 1(1)(a) (taħt Kapitolu I "Kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet") tad-Direttiva 2001/23/KE[36] jirreferi għal "trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju". Dan isaħħaħ il-fehma li fir-rigward tad-dritt tax-xogħol tal-UE, impriża ma hijiex l-istess bħal stabbiliment jew negozju.

56. It-tielet nett, meta wieħed jikkunsidra l-*isfond leġiżlattiv* tad-Direttiva 98/59, it-*travaux préparatoires* għad-Direttiva 75/129 juru li, meta ġie kkonsultat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kien issuġġerixxa li tiġi ddefinita l-kelma "impriża", li dehret fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni[37], bħala "unità ta' impjieg lokali"[38]. Madankollu, fit-test finali, il-kelma "impriża" ġiet issostitwita bil-kelma "stabbiliment" — forsi biex tiġi kkjarifikata din id-distinzjoni[39]. F'dan id-dawl, il-kliem tal-Avukat Ġenerali Cosmas għadu jgħodd sal-lum daqs dakinhar li kien osserva li "[...] kieku l-leġiżlatura Komunitarja xtaqet li l-ħaddiema kollha ta' impriża, ikunu fejn ikunu impjegati, jiġu kkunsidrati fid-determinazzjoni tan-numru totali ta' ħaddiema li fuq il-bażi tagħhom it-tkeċċijiet jiġu ddeterminati jekk humiex legali jew illegali, *kienet tuża kelma iktar xierqa*"[40].

57. Barra minn hekk, id-Direttiva 98/59 ma ġabet l-ebda tibdil reali għar-reġim legali applikabbli qabel. Hija sempliċement għaqqdet u kkonsolidat id-Direttivi 75/129 u 92/56. Ma saret l-ebda emenda ta' rilevanza għall-kunċett inkwistjoni. B'mod iktar preċiż, jirriżulta mit-*travaux préparatoires* li l-leġiżlatura tal-UE fil-fatt ma xtaqet tagħmel l-ebda tibdil sostantiv[41], u kienet kuntenta li żżomm l-*istatus quo*. Kieku kkunsidrat, minflok, li l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Ġustizzja fl-1995 tal-kunċett inkwistjoni kienet difettuża, l-adozzjoni tad-Direttiva 98/59 kienet tipprovdilha opportunità perfetta biex timmodifika lil dan il-kunċett, kif ġustament osservat Bluebird waqt is-seduta. Dan ma seħħx; u lanqas saret xi modifika wara s-sentenza Athinaïki Chartopoiïa jew f'xi stadju ulterjuri. Din il-kunsiderazzjoni hija importanti billi ċerti kummentaturi kienu effettivament stqarrew pubblikament x'setgħet tfisser l-interpretazzjoni fis-sentenza Rockfon għar-Renju Unit[42] — anki qabel ma ġiet adottata d-Direttiva 98/59[43].

58. Ir-raba' nett, kif USDAW u A. Wilson osservaw fis-seduta, huwa inerenti fl-għamla tal-limiti rispettivi stabbiliti għall-metodi tal-punt (i) u l-punt (ii) li dawn joperaw b'mod differenti. Iż-żewġ metodi se jipprovdu protezzjoni għall-ħaddiema f'ċerti każijiet u mhux f'oħrajn. Meta l-metodi jiġu mqabblin, lill-Qorti tal-Ġustizzja jitressqilha l-argument li din id-differenza ta' applikazzjoni hija arbitrarja. Madankollu, din l-modulazzjoni kienet intiża billi din l-għażla tal-metodu, li ma kinitx fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, iddaħħlet speċifikament mill-Kunsill. Ikun verament arbitrarju jekk il-metodu tal-punt (ii) jiġi interpretat bil-mod li ssuġġerew USDAW u A. Wilson, billi dan joħloq qasma reali fil-livelli rispettivi ta' protezzjoni mogħtija.

35 — Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2003, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 219).

36 — Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

37 — COM (72) 1400; ara, pereżempju, l-abbozz tal-Artikolu 4.

38 — ĠU 1973 C 100, p. 11, p. 14.

39 — Ara s-sentenza *Rockfon*, EU:C:1995:420, punt 33. Din il-bidla, li ma seħħitx fil-verżjonijiet uffiċjali kollha ta' dak iż-żmien, jidher li seħħet bejn il-konsultazzjoni tal-Parlament u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

40 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas f'Rockfon, C-449/93, EU:C:1995:242, punt 32. Enfasi miżjuda.

41 — Ara, f'dan ir-rigward, il-minuti tal-laqgħa tal-2115 Kunsill (AGRI) li saret f'Brussell fl-20 ta' Lulju 1998 (Numri ta' Referenza C/98/254 u 10395/98), punt IX, li jgħidu li "l-għan huwa konsolidazzjoni sempliċi (jew 'kodifikazzjoni uffiċjali' fit-tifsira tal-[punt 1 tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 [–] Metodu aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi (ĠU 1996 C 102, p. 2)]), mingħajr tibdil sostantiv."

42 — Ara M. Rubinstein, "Highlights: April 2007", 2007 *Industrial Relations Law Reports*, p. 225 *et seq*, u C. Barnard, "EU Employment Law", Oxford University Press, Oxford: 2012 (ir-Raba' Edizzjoni), paġni 632 u 633.

43 — Ara, b'mod partikolari, M. Rubinstein, "Highlights: March 1996", 1996 *Industrial Relations Law Reports*, p. 113 *et seq.*

59. Hawnhekk nixtieq infakkar, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, li r-Renju Unit ma bidilx il-metodu magħżul tiegħu kif jimplementa d-direttiva mis-sebgħinijiet, meta għamel għażla leġittima meta għażel l-metodu tal-punt (ii) minflok il-metodu tal-punt (i) fi żmien meta l-kunċett inkwistjoni ma kellux is-sinjifikat ċar li għandu issa.

60. Il-ħames nett, jekk jiġu injorati d-differenzi bejn il-metodi tal-punt (i) u l-punt (ii), l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59 jispiċċa mingħajr skop ta' xejn[44]. Id-direttiva ġġib magħha armonizzazzjoni minima biss, li jfisser li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu regoli li huma iktar favorevoli għall-ħaddiema. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jistabbilixxu limiti li jimplementaw *kemm* il-metodu tal-punt (i) *kif ukoll* il-metodu tal-punt (ii), bħal numru iżgħar ta' tkeċċijiet rilevanti għad-direttiva matul perijodu itwal ta' żmien.

61. Għal dawk ir-raġunijiet kollha, jiena nikkondividi l-fehma espressa minn Bluebird, il-Gvern ta' Spanja, tar-Renju Unit u tal-Ungerija u l-Kummissjoni li l-kunċett inkwistjoni għandu jiġi interpretat bl-istess mod fir-rigward kemm tal-punt (i) kif ukoll tal-punt (ii) tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59, jiġifieri, bħala li jindika l-unità li lilha jiġu assenjati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom ħaddiema li jitkeċċew. Għaldaqstant, din id-direttiva ma teħtieġx ? u lanqas ma tipprekludi ? l-aggregazzjoni tan-numru ta' tkeċċijiet fl-istabbilimenti kollha tal-persuna li timpjega għall-finijiet tal-verifika ta' jekk il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) humiex issodisfatti. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu, meta jkun xieraq, iżidux il-livell ta' protezzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59, sakemm, f'*kull* każ (u mhux biss bħala medja, kif qed jissuġġerixxi l-Gvern Spanjol), dan ikun iktar favorevoli għal ħaddiema li jitkeċċew. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw li fil-fatt dan huwa l-każ.

62. Fl-aħħar nett, għandu jkun ċar li huma l-qrati tar-rinviju fit-tliet każijiet li għandhom jiddeterminaw kif eżattament l-unità tal-impjieg lokali tkun ikkostitwita f'kull sitwazzjoni, billi din hija kwistjoni fattwali. Biex nieħdu eżempju, jekk il-persuna li timpjega topera diversi ħwienet f'ċentru tal-bejgħ wieħed, ma huwiex inkonċepibbli li dawn il-ħwienet kollha għandhom jitqiesu li jifformaw unità ta' impjieg lokali waħda. Kif osserva l-Gvern Spanjol, dan jiddependi minn numru ta' fatturi: (i) jekk l-entità konġunta inkwistjoni jistax jingħad li għandha ċertu grad ta' permanenza u stabbiltà; (ii) jekk hijiex assenjata li twettaq kompitu jew kompiti partikolari; u (iii) jekk il-ħaddiema, il-mezzi tekniċi u l-istruttura organizzattiva humiex adegwati biex dawn il-kompiti jitwettqu. Ma huwiex meħtieġ għal din l-entità li jkollha awtonomija legali, ekonomika, finanzjarja, amministrattiva jew teknoloġika biex titqies li hija stabbiliment[45].

63. Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, ma hemmx ħtieġa li tingħata deċiżjoni fuq it-talba ta' Bluebird għal-limitazzjoni tal-effetti temporali tas-sentenza. Fil-każ li l-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkoinċidix ma' tiegħi, din it-talba tidher li hija, fi kwalunkwe każ inġustifikata, fid-dawl tal-kundizzjonijiet stretti ħafna f'dak ir-rigward[46].

## C – *Kwistjonijiet sekondarji*

64. Kif intqal iktar 'il fuq, apparti mill-kwistjoni prinċipali diskussa iktar 'il fuq, il-Kawżi C-392/13 u C-80/14 iqajmu diversi kwistjonijiet oħrajn.

44 — L-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59 jgħid: "Din id-Direttiva ma għandhiex taffetwa d-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma iktar favorevoli għal ħaddiema jew li jippromovu jew li jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi iktar favorevoli għall-ħaddiema".

45 — Ara s-sentenza Athinaïki Chartopoiïa, EU:C:2007:101, punti 27 u 28.

46 — Ara s-sentenza Schulz u Egbringhoff, C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 57 *et seq.*

1. Domanda 1 fil-Kawża C-392/13: il-kunċett ta' "redundancies kollettivi"

65. Bl-ewwel domanda tagħha l-Juzgado de lo Social No 33 sostanzjalment qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkjarifika jekk il-kunċett ta' "redundancies kollettivi" fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat li jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirrestrinġi l-ambitu ta' dan il-kunċett biss għat-terminazzjonijiet ibbażati fuq motivi ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi. Biex nirrikapitola, l-Artikolu 1(1)(a) jgħid li t-tkeċċijiet li huma rilevanti għad-direttiva huma dawk magħmulin minn persuna li timpjega għal raġuni waħda jew iżjed li ma humiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati.

66. Għalkemm il-Gvern Spanjol qal waqt is-seduta li għażel il-metodu tal-punt (i), jidhirli li fil-fatt Spanja implementat taħlita tal-metodu tal-punt (i) u l-metodu tal-punt (ii): l-Artikolu 51(1) tal-ET jipprovdi għal approċċ varjabbli ta' "tliet xenarji" kopert bil-metodu tal-punt (i), imma mħallat ma' perijodu (itwal) ta' 90 jum, li jissuġġerixxi l-metodu tal-punt (ii)[47]. Madankollu, f'dan il-każ, il-kwistjoni hija jekk l-Artikolu 51(1) tal-ET jinterpretax il-kunċett ta' "redundancy" b'mod dejjaq wisq. Dan il-kunċett, li għandu tifsira uniformi fid-dritt tal-UE, ikopri kwalunkwe terminazzjoni ta' kuntratt ta' impjieg li ma jkunx ried il-ħaddiem, u għalhekk mingħajr il-kunsens tiegħu[48]. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tindika li l-espressjoni "raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema" għandha tiġi interpretata b'mod wiesa'[49].

67. Issa, l-Istati Membri jistgħu, bis-saħħa tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59, jagħtu lill-ħaddiema protezzjoni ikbar billi, pereżempju, jittawwal iż-żmien permess sabiex isiru t-tkeċċijiet rilevanti għad-direttiva. Madankollu, id-direttiva ma hijiex *smörgåsbord*, li jfisser li hi xi ħaġa li taqbad tagħżel li trid minnha! L-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu tajjeb għal żieda fil-livell ta' protezzjoni billi jnaqqsuha f'aspetti oħrajn, pereżempju bl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "redundancy" b'mod iktar restrittiv[50]. Bħall-metodi għall-kalkolu tal-limiti — u għalhekk il-limiti nnifishom — dan il-kunċett ma jaqax taħt id-diskrezzjoni tagħhom[51].

68. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tal-ET, li suppost jimplementa l-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/59, jirreferi biss għal "terminazzjoni tal-kuntratti tal-impjieg minħabba raġunijet ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi". Riżerva bħal din, milli jidher, tirrestrinġi l-kamp miftuħ tal-kunċett ta' "redundancy". Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Spanjola inkwistjoni tfakkar fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, fejn il-Portugall kien irrestrinġa illegalment l-istess kunċett għal tkeċċijiet għal raġunijiet strutturali, teknoloġiċi jew ċikliċi[52]. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement fis-sentenza Rodríguez Mayor *et*[53] sfumat xi ftit il-kamp ta' dan il-kunċett fir-rigward tat-terminazzjoni ta' kuntratti tal-impjieg li rriżultaw mill-mewt tal-persuna li timpjega, ħadet ħsieb tiddistingwi dik is-sitwazzjoni partikolari mis-sentenza ta' qabel[54]. Billi l-Kawża C-392/13 ma tinvolvix sitwazzjoni speċjali bħal din, ma narax għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi b'mod differenti mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall. Għaldaqstant, kif osservaw il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Ungeriż, l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59 jipprekludi regola tad-dritt nazzjonali kif inhu l-Artikolu 51(1) tal-ET.

47 — Ara s-sentenza *Rodríguez Mayor et*, EU:C:2009:770, punti 22 sa 24. Barra minn hekk, Spanja pprovdiet ukoll, permezz tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tal-ET, għal redundancies kollettivi biex iseħħu meta t-terminazzjoni ta' kuntratti tal-impjieg ibbażati fuq raġunijiet ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi taffettwa l-ħaddiema kollha ta' impriża bħala riżultat tal-waqfa totali tal-attività tan-negozju tal-impriża anki għalkemm il-limiti skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59 ma jintlaħqux, iżda n-numru ta' ħaddiema affettwati għandu jkun ikbar minn ħamsa.

48 — Sentenza Agorastoudis *et*, C-187/05 sa C-190/05, EU:C:2006:535, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata.

49 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rodríguez Mayor *et*, EU:C:2009:770, punt 34.

50 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja 91/81, EU:C:1982:212, punti 8 sa 10.

51 — Ara, f'dak is-sens, is-sentenza Confédération générale du travail *et*, EU:C:2007:37, punt 47.

52 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, EU:C:2004:605, punt 66 u d-dispożittiv tas-sentenza. Ara wkoll is-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-383/92, EU:C:1994:234, punti 29 sa 32.

53 — EU:C:2009:770. Dik il-kawża kienet tinvolvi kwistjoni, li tressqet f'talba għal deċiżjoni preliminari, li hija tassew simili għal dik li qiegħda tiġi kkunsidrata hawnhekk.

54 — *Ibid.*, punt 52.

69. Madankollu, il-Gvern Spanjol jirreferi għad-dispożizzjoni "ġenerali" stabbilita fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tal-ET. Dan jgħid li apparti mit-tmiem tal-kuntratti ta' impjieg konlużi għal perijodi limitati ta' żmien jew għal kompiti speċifiċi (iktar 'il quddiem imsejħin "kuntratti għal żmien determinat"), għandhom jitqiesu wkoll terminazzjonijiet li seħħew fuq l-inizjattiva tal-persuna li timpjega għal raġunijiet mhux relatati mal-ħaddiema kkonċernati, iżda n-numru ta' terminazzjonijiet għandu jkun tal-inqas ħamsa.

70. F'dan ir-rigward, għandi nsemmi li l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tal-ET jixbah mill-qrib it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59 u jidher li jimplementah. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar tirrigwarda "redundancies b'assimilazzjoni", li huma ekwiparati ma' "redundancies proprji" (b'"redundancies proprji" jkunu kkaratterizzati bin-nuqqas ta' kunsens tal-ħaddiem)[55]. Sakemm in-numru ta' redundancies b'assimilazzjoni jkun tal-inqas ħamsa, dawn isiru rilevanti għad-direttiva għall-finijiet tal-kalkolu tal-limiti.

71. Madankollu, jibqa' veru li, meta niġu għal "redundancies proprji", id-Direttiva 98/59 ma teħtieġx li jkun hemm tal-inqas ħames tkeċċijiet minn dawn qabel ma jibdew jgħoddu bħala rilevanti għad-direttiva, fatt li l-Gvern Spanjol irrikonoxxa fis-seduta. Għalhekk, jidher li meta jkun meħtieġ li jkun hemm tal-inqas ħames tkeċċijiet għal raġunijiet li ma jkunux ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi, l-Artikolu 51(1) tal-ET jirrestrinġi indebitament l-iskop tal-kunċett ta' "redundancy". Għaldaqstant, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-Domanda 1 fil-Kawża C-392/13 fis-sens li l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprekludi dispożizzjoni bħal dik.

2. Domandi 2 u 3 fil-Kawża C-392/13: applikabbiltà tad-Direttiva 98/59 għall-kuntratti għal żmien determinat

72. B'dawn iż-żewġ domandi, il-Juzgado de lo Social No 33 tixtieq gwida fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 98/59 għal kuntratti għal żmien determinat li jkunu spiċċaw, kemm jekk dan seħħ għaliex ikun għadda ż-żmien jew inkella jkun twettaq servizz jew kompitu predefinit.

73. Id-Domanda 3, sostanzjalment, tistaqsi jekk kuntratti għal żmien determinat li jintemmu għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala tkeċċijiet rilevanti għad-direttiva għall-finijiet tal-kalkolu tal-limiti fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59. Madankollu, id-digriet tar-rinviju jissuġġerixxi li l-qorti tar-rinviju sempliċement trid tkun taf jekk id-direttiva teħtieġx lil dik il-qorti li tinkludi dawk it-terminazzjonijiet fil-kalkolu tal-limiti għall-benefiċċju ta' "redundancies proprji" — mingħajr ma neċessarjament tiġi applikata għalihom il-proċedura protettiva.

74. Id-Domanda 3, għalkemm xejn ma hija fformulata b'mod ċar, tidher li trid tkun taf jekk l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/59 huwiex limitat għat-tkeċċija kollettiva ta' ħaddiema impjegati b'kuntratti għal żmien determinat fejn ir-raġunijiet għat-tkeċċija huma l-istess (pereżempju, fejn diversi kuntratti definiti jiskadu fl-aħħar tal-istaġun turistiku jew wara t-tlestija ta' proġett ta' kostruzzjoni).

75. Ir-risposta għaż-żewġ domandi, kif ġiet innotata essenzjalment mill-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni, toħroġ direttament minn kliem l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/59. Din id-dispożizzjoni teskludi kuntratti għal żmien determinat mill-kamp tad-direttiva, sakemm ir-redundancies ma jkunux seħħew qabel id-data tal-iskadenza tal-kuntratti inkwistjoni, jew qabel ma tlestew. Minħabba n-natura ta' dawn il-kuntratti li — kif ġustament tgħid il-Kummissjoni — jiġu

55 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, EU:C:2004:605, punt 56. Ir-redundancies b'assimilazzjoni jiġru, *inter alia*, f'ċirkustanzi fejn il-ħaddiem jiġi inkoraġġit li jgħid li jaqbel, pereżempju bi skambju ma' vantaġġi finanzjarji; ara l-punti 46 u 47 tal-Konklużjonijiet ta', dak iż-żmien, l-Avukat Ġenerali Tizzano fl-istess kawża (EU:C:2004:139). Pereżempju, il-ħaddiema jistgħu jaqblu li jirtiraw kmieni volontarjament fuq l-inizjattiva ta' min iħaddem mingħajr ma dan jiġi attribwit lilhom individwalment; Ara C. Barnard, *op. cit.*, p. 631.

neċessarjament fi tmiemhom meta l-perijodu taż-żmien miftiehem ikun għadda, dik ir-regola tidher għal kollox loġika. Fil-fatt, kuntratt għal żmien determinat li jintemm organikament ma huwiex l-istess bħal tkeċċija ta' ħaddiem impjegat b'mod permanenti għal raġunijiet li ma humiex relatati ma' dak il-ħaddiem.

76. Din l-interpretazzjoni ma titpoġġiex fid-dubju bit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59. Kif intqal iktar 'il fuq, din id-dispożizzjoni tirregola r-redundancies b'assimilazzjoni. Iżda ma tirregolax kuntratti għal żmien determinat, li huma ttrattati b'mod esklużiv skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva. Filwaqt li d-derogi għandhom jiġu interpretati ġeneralment b'mod restrittiv, ma huwiex possibbli li, bħala interpretazzjoni, tiddaħħal kundizzjoni speċjali fil-kliem tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/59 li oriġinarjament qatt ma kienet hemm. Dan huwa minnu iktar u iktar meta l-leġiżlatura tal-UE tkun daħħlet diġà kundizzjoni speċifika fil-kliem ta' din id-deroga mingħajr ma ħasset il-bżonn li żżid oħra. Fuq l-istess binarju, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-passat irrifjutat li tinterpreta deroga simili fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/59 b'mod restrittiv[56]. *A fortiori* ma nħossx li nista' napplika l-esklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat għal sitwazzjonijiet biss fejn ir-raġunijiet għal terminazzjoni ta' dawn il-kuntratti jkunu l-istess.

77. Fi kwalunkwe każ, il-Juzgado de lo Social No 3 ma hijiex prekluża milli tinkludi t-terminazzjonijiet kollha ta' kuntratti għal żmien determinat li jintemmu fil-kalkolu tal-limiti jekk dak ikun fattibbli skont id-dritt Spanjol. Kif osserva l-Gvern Ungeriż, l-Istati Membri ma humiex preklużi milli, bis-saħħa tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59 jagħmlu regoli li huma iktar favorevoli għall-ħaddiema.

78. Għal dawk ir-raġunijiet, jiena nipproponi li nwieġeb flimkien id-Domandi 2 u 3 fil-Kawża C-392/13 fis-sens li, interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/59, ir-redundancies kollettivi magħmulin b'kuntratti għal żmien determinat huma esklużi mill-kamp ta' din id-direttiva, ħlief meta dawk ir-redundancies iseħħu qabel id-data ta' skadenza ta' dawn il-kuntratti, jew qabel ma jitlestew. Huwa irrilevanti jekk ir-raġunijiet għat-terminazzjoni ta' dawn il-kuntratti humiex l-istess. Dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali li huma iktar favorevoli għall-ħaddiema.

3. Domanda Nru 2 fil-Kawża C-80/14: lil hinn mill-effett dirett vertikali

79. Bit-tieni domanda tagħha, il-Court of Appeal tistaqsi jekk, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ, Stat Membru huwiex prekluż milli jargumenta li direttiva ma tistax timponi obbligi fuq individwi privati jekk tkun ġiet implementata b'mod skorrett. Ir-raġunijiet biex issir din id-domanda preliminari jsegwu sostanzjalment mill-fehma li esprimew USDAW u A. Wilson: Stat Membru ma jistax joqgħod fuq l-implementazzjoni inkompleta tiegħu tad-Direttiva 98/59 fi proċeduri magħmulin kontra persuni li jimpjegaw tas-settur privat insolventi fejn dan l-Istat innifsu jista' jkollu kontrih talbiet sussegwenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa id-Direttiva 2008/94. Fi kliem ieħor, l-argument għalhekk jidher li hu li d-Direttiva 2008/94 b'xi mod tittrasforma n-natura orizzontali tal-proċeduri li jsiru skont id-Direttiva 98/59 f'waħda vertikali.

80. F'dan id-dawl, id-domanda preliminari hija interessanti. Madankollu, sabiex jiġu attivati l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2008/94, talba finanzjarja li tidħol fil-kamp ta' din id-direttiva (bħal deċiżjoni protettiva) trid ma tkunx tħallset minħabba l-insolvenza tal-persuna li timpjega. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li r-Renju Unit ittraspona l-metodu tal-punt (ii) b'mod skorrett, (u apparti l-possibbiltà ta' interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali b'mod konsistenti mad-direttiva, kwistjoni li l-Court of Appeal espliċitament tgħid li mhux qed titqajjem fid-domanda preliminari), l-intitolament għal deċiżjoni protettiva jippresupponi li d-direttiva għandha effett dirett orizzontali fil-konfront tal-persuni li jimpjegaw fis-settur privat — kemm jekk huma solventi jew insolventi. Fin-nuqqas ta' effett orizzontali bħal dan, l-argumenti ta' USDAW u ta' A. Wilson iwasslu għar-riżultat assurd li ħaddiema milqutin minn redundancies kollettivi minħabba l-insolvenza tal-persuni li jimpjegawhom

56 — Ara s-sentenza Nolan, EU:C:2012:638, punti 42 u 43.

ikollhom drittijiet ikbar minn dawk li jintlaqtu minn redundancies kollettivi meta l-persuni li jimpjegawhom ikunu solventi, idea li ma tistax tiġi aċċettata. Fi kwalunkwe każ, ma ġiex argumentat li d-Direttiva 98/59 għandha effett dirett orizzontali u ma nistax nara kif dan jista' jkun il-każ. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti li ressqu USDAW u A. Wilson ma jreġux.

81. Fi kwalunkwe każ, minħabba l-fatt li ma nemminx li r-Renju Unit naqas milli jimplementa b'mod xieraq id-Direttiva 98/59, se nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix risposta għal din id-domanda.

## IV – **Konklużjoni**

82. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari mressqa fil-Kawża C-182/13 mill-Industrial Tribunals (Northern Ireland) (Ir-Renju Unit), għad-Domanda 4 fil-Kawża C-392/13, mill-Juzgado de lo Social No 33 de Barcelona (Spanja), u għad-domandi magħmulin fil-Kawża C-80/14 mill-Court of Appeal (England and Wales) (Ir-Renju Unit):

— Il-kunċett ta' "stabbiliment" kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi għandu l-istess tifsira bħall-Artikolu 1(1)(a)(i) ta' din id-direttiva. Dan il-kunċett juri l-unità li magħha huma assenjati biex iwettqu dmirijiethom ħaddiema li jsiru redundant; hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina dan kollu. Dan ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jagħmlu regoli ta' implementazzjoni fuq il-bażi ta' dan il-kunċett li, mingħajr ma jnaqqsu l-livell minimu ta' protezzjoni, jiffavorixxu iktar lill-ħaddiema. Il-qorti nazzjonali għandha tivverifika li dan huwa l-każ.

Fil-Kawża C-392/13, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-Domandi 1, 2 u 3:

— L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59 jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 51(1) tal-Ley del Estatuto de los Trabajadores tad-29 ta' Marzu 1995, li skont dan irid ikun hemm mill-inqas ħames terminazzjonijiet ta' kuntratti ta' impjieg mingħajr il-kunsens tal-ħaddiema kkonċernati, għal raġunijiet li ma jkunux ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi jew produttivi, qabel ma dawn it-terminazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta' determinazzjoni ta' jekk redundancies kollettivi jkunux seħħew;

— Skont interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/59, ir-redundancies kollettivi kollha magħmulin skont kuntratti ta' impjieg konklużi għal perijodi ta' żmien limitati jew għal kompiti speċifiċi huma esklużi mill-kamp ta' din id-direttiva, ħlief fejn dawn ir-redundancies isiru qabel id-data ta' skadenza ta' dawn il-kuntratti jew qabel ma dawn jitlestew. Huwa irrilevanti jekk ir-raġunijiet għat-terminazzjoni ta' dawn il-kuntratti humiex l-istess. Dan ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jagħmlu regoli li, mingħajr ma jnaqqsu l-livell ta' protezzjoni minima, jiffavorixxu iktar lill-ħaddiema.